# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Kaz Nru. 3226/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Paolo Cannistraro

u

Aria Chartering Limited

Illum : 1 ta’ Awwissu 2014

*dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Franco Masini**

## DIGRIET

It-Tribunal Industrijali:

(a) ra t-talba tar-Rikorrent Paolo Cannistraro li allega li t-tkeċċija tiegħu bħala Kaptan fuq M.Y. Aria kienet ġiet terminata għal raġuni li la kienet tajba u lanqas suffiċjenti kif titlob il-liġi,

(b) ra id-dikjarazzjoni tas-Soċjetà Intimata Aria Chartering Limited li ċaħdet dan,

(c) ra l-provvedimenti tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452) u senjatament l-Artikolu 39 li jeskludi mill-ġurisdizzjoni tal-istess Tribunal baħrin impjegati fuq bastimenti skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap 234) u fejn hemm nuqqas ta’ qbil bejn iż-żewġ Atti għandu jgħodd dak tal-Att 234,

(d) ra l-Artikolu 99(1) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap 234) fejn ma hemm l-ebda referenza għal Kap 452,

Għaldaqstant jiddeċidi li dan il-Każ ma jaqax fil-ġurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja